# Proezzjoni Kontra Ħsara Aċċidentali Plus ta’ Microsoft
## Dokument ta’ Informazzjoni dwar il-Prodott tal-Assigurazzjoni

**Kumpanija:** **AmTrust International Underwriters DAC, kumpanija rreġistrata fl-Irlanda (bin-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija 169384) li hija regolata mill-Bank Ċentrali tal-Irlanda. L-indirizz reġistrat tagħha huwa 6-8 College Green, Dublin 2, D02 VP48, l-Irlanda**

**Prodott:** **Assigurazzjoni Kontra Ħsara Aċċidentali**

Dan id-dokument jiġbor fil-qosor il-karatteristiċi ewlenin tal-Polza tal-assigurazzjoni Tiegħek. Mhuwiex imfassal apposta għall-ħtiġijiet individwali u għalhekk jista’ ma jipprovdix l-informazzjoni kollha rilevanti għar-rekwiżiti tal-kopertura Tiegħek. L-informazzjoni prekuntrattwali u kuntrattwali sħiħa hija pprovduta f’dokumenti oħra.

### X’inhi din it-tip ta’ assigurazzjoni?

Din il-Polza tipprovdi kopertura għat-Tiswija jew is-Sostituzzjoni tal-Prodott ta’ Microsoft eliġibbli Tiegħek għal Ħsara Aċċidentali matul it-Terminu kif muri fil-Prova tax-Xiri tiegħek jew sa massimu ta’ żewġ (2) Pretensjonijiet. Jekk jogħġbok innota li l-ammont massimu li nħallsu Aħna mhux se jaqbeż il-Prezz tax-Xiri Oriġinali tal-Prodott.

### X’inhu assigurat?

- ✓ Ħsara Aċċidentali lill-Prodott ta’ Microsoft tiegħek
- ✓ Hija pprovduta kopertura għat-Tiswija jew is-Sostituzzjoni tal-Prodott ta’ Microsoft eliġibbli Tiegħek f’każ li sseħħ Ħsara Aċċidentali sat-Terminu kif muri fil-Prova tax-Xiri Tiegħek, jew sa massimu ta’ żewġ (2) Pretensjonijiet.
- ✓ Din il-Polza tipprovdilek l-għażla li żżomm id-drive ta’ stat solidu (SSD) tal-Prodott f’każ ta’ Pretensjoni għal Ħsara Aċċidentali, mingħajr ebda spiża addizzjonali għas-Sostituzzjoni.
- ✓ Din il-Polza tipprovdi għal servizz ta' kunsinna minn trasportatur sal-għada ta’ Prodott Sostitut f’każ ta’ Ħsara Aċċidentali, soġġett għall-kundizzjonijiet.

### X’mhuwiex assigurat?

- ✘ Difetti mekkaniċi u/jew ħsara li jkunu hemm minn qabel;
- ✘ Deterjorament normali bl-użu, jew deterjorament gradwali tal-prestazzjoni tal-prodott;
- ✘ Ħsara kożmetika inkluż sfigurament, grif u daqqiet, ħlief jekk tali ħsara kożmetika tirriżulta f’telf ta’ funzjonalità;
- ✘ Kwalunkwe Pretensjoni għar-restawr ta’ software jew data, jew għall-irkupru ta’ data mill-Prodott Tiegħek.
- ✘ Ħsara jew funzjonament ħażin tal-Prodott Tiegħek ikkawżati minn jew attribwiti għal kontenut diġitali, software (kemm jekk installat minn qabel kif ukoll jekk le), inkluż mingħajr limitazzjoni tal-operat ta’ software ta’ virus, in-nuqqas ta’ disponibbiltà ta’ aġġornamenti tas-software, jew kwalunkwe ħsara oħra bbażata fuq is-software/diġitali.
- ✘ Ħsara kkawżata lill-apparat meta titneħħa l-SSD.

### Hemm xi restrizzjonijiet fuq il-kopertura?

- ! Sabiex ikun eliġibbli għall-kopertura, il-Prodott irid jinxtara mingħand Microsoft jew mingħand Bejjiegħ bl-Imnut approvat.
- ! Il-kopertura taż-żamma tad-drive hija disponibbli biss fuq apparat ta’ Microsoft li fih l-SSD hija promossa bħala li tista’ titneħħa fuq l-iskeda tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

! Il-kunsinna sal-għada hija soġġetta għad-disponibbiltà tat-trasportaturi awtorizzati tal-kunsinna sal-għada tagħna, it-talba għas-servizz u l-post tal-apparat.

! Esklużjonijiet ulterjuri jinstabu fit-Termini u l-Kundizzjonijiet.

## Fejn jien kopert?

✓ F'Malta.

## X'inhuma l-obbligi tiegħi?

! Il-pretensjonijiet għandhom jiġu nnotifikati fi żmien erbatax-il (14) jum ta' xogħol minn meta jseħħ l-inċident li jwassal għall-Pretensjoni.

! Hija r-responsabbiltà Tiegħek li tagħmel backup ta' kwalunkwe/kull software u/jew data fuq bażi regolari; speċjalment qabel il-bidu ta' kwalunkwe servizz kopert skont il-Polza. Is-software u/jew is-servizzi ta' trasferiment jew ta' restawr tad-data mhumiex koperti.

! Inti trid issegwi l-proċedura tal-Pretensjonijiet stabbilita fil-Polza, inkluż li tipprovdi kopja tal-Prova tax-Xiri, tipprovdi l-informazzjoni speċifikata, u taġġorna s-software tal-prodott allinjat mal-ħarġiet attwalment ippubblikati qabel ma tagħmel pretensjoni.

! Għandek tippreżenta b'mod ġust ir-riskju qabel ma tibda l-kopertura u meta ġġedded jew tagħmel emendi għall-kopertura.

## Meta u kif inħallas?

Il-ħlas jittieħed kollu meta tixtri l-Protezzjoni Kontra Ħsara Aċċidentali Plus ta' Microsoft.

## Meta tibda u tispiċċa l-kopertura?

Il-kopertura għal Ħsara Aċċidentali tibda fid-data tax-xiri u tkompli għat-Terminu mogħti fuq il-Prova tax-Xiri, jew sakemm jintlaħaq il-Limitu tar-Responsabbiltà, skont liema jiġi l-ewwel.

## Kif nikkanċella l-kuntratt?

Inti tista' tikkanċella din il-Polza fi kwalunkwe ħin billi tinfurmana bit-talba ta' kanċellazzjoni fid-dettalji ta' hawn taħt:

- Ikteb lil: Insurance Policy Cancellations, Microsoft Ireland Operations Limited, One Microsoft Place, South County Business Park, Leopardstown, Dublin 18, D18 P521, l-Irlanda
- Email: msespbus@microsoft.com
- Telefown: In-numri tat-telefown jistgħu jinstabu fuq http://support.microsoft.com/gp/customer-service-phone-numbers

<u>ŻMIEN BIEX WIEĦED JERĠA' JAĦSIBHA</u>

Jekk it-talba ta' kanċellazzjoni Tiegħek issir fi żmien ħamsa u erbgħin (45) jum mid-data tax-xiri tal-Polza, Inti tirċievi rifużjoni ta' mija fil-mija (100%) tal-prezz tal-Polza mħallas, sakemm ma tkun saret l-ebda Pretensjoni matul dak il-perjodu.

<u>WARA Ż-ŻMIEN BIEX WIEĦED JERĠA' JAĦSIBHA</u>

Jekk it-talba ta' kanċellazzjoni Tiegħek issir wara ħamsa u erbgħin (45) jum mid-data tax-xiri tal-Polza, sakemm il-Limitu tar-Responsabbiltà ma jkunx intlaħaq, Inti tirċievi rifużjoni pro rata tal-prezz tax-xiri tal-Polza mħallas, sakemm ma tkun saret l-ebda Pretensjoni matul dak il-perjodu.

## PROTEZZJONI KONTRA ĦSARA AĊĊIDENTALI PLUS TA' MICROSOFT

### Termini u Kundizzjonijiet Kummerċjali -
### Ħsara Aċċidentali b'żamma tad-drive u servizz ta' kunsinna fil-ġurnata tan-negozju li jmiss

Grazzi talli reċentement **Xtrajt** il-"Protezzjoni Kontra Ħsara Aċċidentali Plus ta' Microsoft". Dan id-dokument, flimkien mad-**Dettalji tal-Polza Tiegħek** u l-**Prova tax-Xiri**, jiffurmaw il-polza tal-assigurazzjoni **Tiegħek** (il-"**Polza**"). Jekk jogħġbok żomm dan id-dokument u l-**Prova tax-Xiri** flimkien f'post sigur, peress li t-tnejn li huma jkunu meħtieġa meta ssir **Pretensjoni**. L-informazzjoni li tinsab f'din il-**Polza** hija maħsuba biex isservi bħala gwida ta' referenza siewja biex tgħin **Lilek** tiddetermina u tifhem "X'INHU KOPERT" taħt il-**Polza Tiegħek**. Għal kwalunkwe mistoqsija dwar l-informazzjoni li tinsab f'din il-**Polza**, jew il-kopertura **Tiegħek** b'mod ġenerali, jekk jogħġbok ikkuntattja lil **Microsoft fuq** https://support.microsoft.com.

Din l-assigurazzjoni hija sottoskritta minn AmTrust International Underwriters DAC, (l-"**Assiguratur**"), irreġistrata fl-Irlanda (numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija 169384) li hija rregolata mill-Bank Ċentrali tal-Irlanda. L-indirizz reġistrat tagħha huwa 6-8 College Green, Dublin 2, D02 VP48, l-Irlanda**.**

Dan il-prodott jissodisfa d-domandi u l-ħtiġijiet ta' dawk li jixtiequ jiżguraw li l-Prodott tagħhom ikun protett minn **Ħsara Aċċidentali**.

## DEFINIZZJONIJIET

*F'dan id-dokument tat-termini u l-kundizzjonijiet, il-kliem b'tipa grassa li jibdew b'ittra kapitali għandu t-tifsiriet iddikjarati li ġejjin –*

- **"Ħsara Aċċidentali":** ħsara fiżika lill-**Prodott** wara aċċident f'daqqa u mhux previst li jaffettwa l-funzjonalità tal-**Prodott Tiegħek** u li mhuwiex speċifikament eskluż b'xi mod ieħor minn din il-**Polza**.
- **"Amministratur":** Microsoft Ireland Operations Limited li tinstab f'One Microsoft Place, South County Business Park, Leopardstown, Dublin 18, D18 P521, l-Irlanda Sit web www.microsoft.com.
- **"Pretensjoni":** talba għal **Tiswija** jew **Sostituzzjoni** skont din il-**Polza** magħmula **Minnek**.
- **"Deduċibbli":** l-ammont li **Inti** meħtieġ tħallas, għal kull **Pretensjoni**, għal servizzi koperti minn din il-**Polza** (jekk applikabbli).
- **"Telf indirett":** telf jew spiża mġarrba **Minnek** li tirriżulta minn avveniment assigurat iżda li, minnha nnifisha, mhix koperta speċifikament taħt din il-**Polza**. L-eżempji jinkludu t-telf ta' qligħ jew profitt, it-telf ta' użu jew tad-data, jew spejjeż addizzjonali oħra.
- **"Limitu tar-Responsabbiltà":** Ir-responsabbiltà massima **Tagħna Lejk** għal kwalunkwe **Pretensjoni** waħidha u b'kollox matul it-**Terminu tal-Polza** kif deskritt fid-dettall fit-taqsima "Għażliet tal-Pjan ta' Kopertura".
- **"Manifattur", "Microsoft"** il-**manifattur** tal-apparat oriġinali tal-**Prodott** li l-indirizz tiegħu huwa One Microsoft Place, South County Business Park, Leopardstown, Dublin 18 D18 P521.
- **"Prezz Oriġinali li l-Prodott Inxtara Bih":** l-ammont imħallas **Minnek** għall-**Prodott**(i) kopert(i); eskluża kwalunkwe taxxa u/jew tariffa applikabbli, kif indikat fuq il-**Prova tax-Xiri Tiegħek**.
- **"Polza":** Il-kuntratt **Bejnek** u **Bejnna**, li huwa magħmul minn dan id-dokument, il-**Prova tax-Xiri** u d-**Dettalji tal-Polza Tiegħek**.
- **"Dettalji tal-Polza"**: l-ewwel paġna tal-kont tal-**Microsoft** online **Tiegħek** u/jew il-konferma tal-email mibgħuta minn **Microsoft**, li tikkonferma l-kopertura **Tiegħek** taħt din il-**Polza**.
- **"Kundizzjoni li Tkun Hemm Minn Qabel"**: danni jew difetti assoċjati mal-**Prodott** li kienu hemm qabel ma nxtrat din il-**Polza**.
- **"Prodott(i)":** l-apparat eliġibbli ta' **Microsoft** mixtri **Minnek** li huwa kopert minn din il-**Polza** u huwa elenkat fit-Taqsima "Eleġibbiltà tal-Prodott".
- **"Prova tax-Xiri":** l-irċevuta tax-xiri oriġinali pprovduta fil-punt tal-bejgħ li tikkonferma d-data li fiha nxtrat din il-**Polza**, il-**Prodott** mixtri u l-perjodu tat-**Terminu**.
- **"Tiswija/Tiswijiet":** l-azzjonijiet li jieħu l-**Amministratur** biex isewwi, jirrimedja, jew jirrestawra l-**Prodott Tiegħek** għal stat li jiffunzjona tajjeb wara **Pretensjoni għal Ħsara Aċċidentali**. *Il-partijiet użati għat-Tiswija tal-**Prodott** jistgħu jkunu ġodda, użati jew rinnovati bi prestazzjoni li tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tal-fabbrika tal-**Prodott** oriġinali.*
- **"Issostitwixxi" jew"Sostitut(i)":** oġġett fornut **Lilek** permezz tal-arranġament tal-**Amministratur**. L-**Amministratur** se jissostitwixxi l-**Prodott** difettuż, fid-diskrezzjoni unika tiegħu, b'mudell ġdid, mibni mill-ġdid jew rinnovat ta' karatteristiċi u funzjonalità ugwali jew simili. **Microsoft** ma tagħmel l-ebda garanzija li **Sostitut** se jkun tal-istess mudell, daqs, dimensjonijiet jew kulur bħall-**Prodott** preċedenti.
- **"Bejjiegħ bl-Imnut":** il-bejjiegħ li ġie awtorizzat minn **Microsoft** u **Minna** biex ibigħ din il-**Polza Lilek**.
- **"Terminu":** il-perjodu ta' żmien (eż: sentejn jew 3 snin) li fih id-dispożizzjonijiet ta' din il-**Polza** huma validi kif iddikjarat fuq id-**Dettalji tal-Polza Tiegħek** u/jew il-**Prova tax-Xiri.**
- **"Aħna", "Lilna", "Tagħna":** l-assiguratur, AmTrust International Underwriters DAC.
- **"Inti", "Tiegħek":** ix-xerrej/sid tal-**Prodott(i)** kopert(i) minn din il-**Polza.**

## DATA EFFETTIVA TAL-KOPERTURA U TERMINU

Il-kopertura għal ħsara lill-**Prodott Tiegħek** li tirriżulta minn **Ħsara Aċċidentali** tibda fid-data tax-xiri kif muri fuq il-**Prova tax-Xiri Tiegħek.** Il-kopertura tkompli għall-bqija tat-**Terminu Tiegħek**, jew sakemm jintlaħaq il-**Limitu tar-responsabbiltà**, skont liema minnhom jiġi l-ewwel.

## ELIĠIBBILTÀ TAL-PRODOTT

Sabiex jiġi kopert taħt din il-**Polza**, il-**Prodott** għandu: (a) ikun apparat ta' Microsoft Surface jew Studio eliġibbli (deskritt fit-taqsima "X'Inhu Kopert - Ġenerali" hawn taħt); (b) jinxtara mingħand **Microsoft** jew **Bejjiegħ bl-Imnut** awtorizzat; u (c) ikollu garanzija minima tal-**Manifattur** ta' tnax-il (12) xahar.

## X'INHU KOPERT – ĠENERALI

Matul it-**Terminu**, f'każ ta' **Pretensjoni** għal **Ħsara Aċċidentali**, din il-**Polza** tipprovdi għal: (i) ix-xogħol u/jew il-partijiet meħtieġa għat-**Tiswija** tal-**Prodott**; JEW (ii) fid-diskrezzjoni unika ta' **Microsoft**, **Sostitut** għall-**Prodott** minflok tali **Tiswija**. Jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima "Għażliet tal-Pjan ta' Kopertura" li hija applikabbli għall-**Polza Tiegħek** għal dettalji sħaħ.

## AVVIŻI IMPORTANTI DWAR IL-KOPERTURA TAĦT DIN IL-POLZA

A. Jekk l-**Amministratur Jipprovdilek Sostitut**:
- L-**Amministratur** jirriżerva d-dritt li **Jissostitwixxi Prodott** difettuż b'oġġett ġdid, mibni mill-ġdid jew rinnovat ta' karatteristiċi u funzjonalità ugwali jew simili, li jista' ma jkunx tal-istess mudell, daqs, qies jew kulur bħall-**Prodott** preċedenti.
- L-avvanzi teknoloġiċi jistgħu jirriżultaw f'**Sostitut** li għandu prezz tal-bejgħ bl-imnut jew tas-suq aktar baxx mill-**Prodott** preċedenti, u f'sitwazzjoni bħal din, din il-**Polza** ma **Tipprovdilek** l-ebda rifużjoni għal tali differenza fil-prezz.
- Kull parti, komponent jew unità sħiħa tal-**Prodott Sostitwit** skont id-dispożizzjonijiet ta' din il-**Polza** jsiru l-proprjetà ta' **Microsoft**.
- Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-aċċessorji, il-partijiet li jitwaħħlu u/jew il-periferali MA JIĠUX inklużi jew ipprovduti b'rabta ma' **Sostitut**.

B. Il-kopertura deskritta taħt din il-**Polza** m'għandhiex tissostitwixxi jew tipprovdi xi benefiċċji diġà disponibbli taħt kwalunkwe garanzija valida tal-**Manifattur** matul kwalunkwe perjodu tal-garanzija tal-Manifattur, u kwalunkwe ħaġa koperta mill-garanzija tal-**Manifattur** hija r-responsabbiltà unika tal-**Manifattur** u ma għandhiex tkun koperta taħt din il-**Polza**; irrispettivament minn jekk il-**Manifattur** huwiex kapaċi jissodisfa l-obbligi tiegħu.

C. Il-kopertura taħt din il-**Polza** hija limitata għal dak li huwa deskritt b'mod speċifiku f'dan id-dokument, kif applikabbli għall-**Polza Tiegħek**. Kwalunkwe ħaġa li mhijiex espressa b'mod speċifiku fil-**Polza** mhijiex koperta (inkluż, pereżempju, kwalunkwe servizz ta' taħriġ ipprovdut separatament minn **Microsoft** jew mill-entitajiet magħżula minn **Microsoft**).

D. Ir-responsabbiltajiet **Tiegħek**: Hija r-responsabbiltà **Tiegħek** li tagħmel backup ta' kwalunkwe/kull software u/jew data fuq bażi regolari; speċjalment qabel il-bidu ta' kwalunkwe lqugħ ta' pretensjoni taħt din il-**Polza**. Is-software u/jew is-servizzi ta' trasferiment jew ta' restawr tad-data MHUMIEX koperti.

E. Id-Dmir tal-Iżvelar **Tiegħek**

**Għandek** id-dmir li **Tippreżentalna** b'mod ġust ir-riskju qabel ma tibda din il-**Polza**, meta **Inti** tagħmel xi emenda/i għall-kopertura. Dan ifisser li **Inti** għandek:
- tiżvela l-fatti materjali kollha li **Inti** taf bihom jew li suppost tkun taf bihom.
- tagħmel l-iżvelar b'mod raġonevolment ċar u aċċessibbli.
- tiżgura li kull rappreżentazzjoni materjali tal-fatt tkun sostanzjalment korretta u magħmula in bona fede.

## GĦAŻLIET TAL-PJAN TA' KOPERTURA

***(Kif indikat fuq il-Prova tax-Xiri Tiegħek u applikabbli Għalik)***

Jekk **Inti** xtrajt il-"Protezzjoni Kontra Ħsara Aċċidentali Plus ta' Microsoft" kif indikat fuq il-**Prova tax-Xiri Tiegħek**, il-**Polza Tiegħek** tinkludi biss kopertura għal **Ħsara Aċċidentali** għall-**Prodott Tiegħek.**

**<u>ĦSARA AĊĊIDENTALI</u>**

**Inti** kopert għal massimu ta' żewġ (2) **Pretensjonijiet** matul it-**Terminu** għat-**Tiswija** jew is-**Sostituzzjoni** tal-**Prodott Tiegħek**, f'każ ta' **Ħsara Aċċidentali** soġġett għal-**Limitu tar-Responsabbiltà**.

**<u>DEDUĊIBBLI</u>**

Skont il-**Polza Tiegħek**, mhu meħtieġ l-ebda pagament **Deduċibbli**.

**<u>LIMITU TAR-RESPONSABBILTÀ</u>**

Matul it-**Terminu tal-Polza**, il-**Limitu tar-Responsabbiltà** totali fuq il-**Prodott Tiegħek** huwa ta' żewġ (2) **Pretensjonijiet** għat-tul tal-**Polza** kif elenkat fuq il-**Prova tax-Xiri Tiegħek.** L-ammont massimu totali mhux se jaqbeż il-**Prezz tax-Xiri Oriġinali** muri fuq il-**Prova tax-Xiri Tiegħek.**

<u>AVVIŻ – Dwar is-**Sostituti**:</u> Jekk **Microsoft** tagħżel li **Tissostitwixxi l-Prodott Tiegħek**, **Microsoft** tista' tipprovdi servizz ta' skambju avvanzat. Meta **Microsoft** tipprovdi servizz ta' skambju avvanzat, il-prodott **Sostitut** jista' jiġi kkonsenjat **Lilek** qabel ma tirċievi l-**Prodott** difettuż **Tiegħek**. **Inti** trid tibgħat il-**Prodott** difettuż **Tiegħek** lil **Microsoft** fi żmien erbatax-il (14) jum kalendarju mill-wasla tal-kunsinna kkonfermata tal-prodott **Sostitut**. Jekk **Inti** ma tirritornax il-**Prodott** difettuż lil **Microsoft** fi żmien erbatax-il (14) jum kalendarju mill-irċevuta tal-konferma tal-kunsinna tal-prodott **Sostitut**, **Inti** tiġi ċċarġjat/a tariffa ta' apparat mhux irritornat daqs il-prezz bl-imnut issuġġerit mill-**Manifattur** tal-prodott **Sostitut**.

## ŻAMMA TAD-DRIVE (SSD)

Din il-kopertura **Tipprovdilek** l-għażla li żżomm is-solid state drive (SSD) tal-**Prodott** f'każ ta' **Ħsara Aċċidentali**. Il-**Prodott Sostitut Tiegħek** se jkun jinkludi SSD ġdida mingħajr ebda ħlas addizzjonali. Din il-kopertura hija disponibbli biss fuq apparat ta' **Microsoft** li fih l-SSD hija kkummerċjalizzata bħala li tista' titneħħa fuq l-iskeda tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fuq il-paġna tal-**Prodott** tal-**Prodott Tiegħek**.

## SERVIZZ TA’ KUNSINNA FIL-ĠURNATA TAN-NEGOZJU LI JMISS

Din il-kopertura tipprovdi għal servizz ta’ kunsinna minn trasportatur sal-għada ta’ **Prodott Sostitut** (jekk **Microsoft** taqbel dwar dan) fil-lokalità **Tiegħek** fil-fajl kif ġej:

a) Jum tax-Xogħol wieħed (1) wara l-awtorizzazzjoni tal-**Pretensjoni Tiegħek**, jekk il-**Pretensjoni Tiegħek** tkun awtorizzata qabel 12:00 p.m. Ħin tal-Ewropa Ċentrali (“CET”); jew
b) Jumejn (2) ta’ Xogħol jekk il-**Pretensjoni Tiegħek** tkun awtorizzata wara 12:00 p.m. CET.

Is-servizz ta’ kunsinna minn trasportatur sal-għada huwa suġġett għal dan li ġej:
a) **Inti** trid tikkonferma d-disponibbiltà tat-trasportatur sal-għada fil-lokalità **Tiegħek** QABEL ma tixtri din il-**Polza**. **Inti** tista’ tikkonferma dan billi tuża s-sit web: https://docs.microsoft.com/en-us/surface/surface-next-business-day-replacement li jagħti l-kodiċijiet postali fejn huwa disponibbli dan is-servizz.
b) id-disponibbiltà tat-trasportaturi tal-kunsinna sal-għada awtorizzati minn **Microsoft**.

Għall-fini ta’ din id-dispożizzjoni, “Jum tax-Xogħol” tirreferi għat-Tnejn sal-Ġimgħa, esklużi vaganzi pubbliċi standard.

## X’MHUWIEX KOPERT – ESKLUŻJONIJIET

**DIN IL-POLZA MA TKOPRI L-EBDA PRETENSJONI B’RABTA MA’ JEW LI TIRRIŻULTA MINN:**

(a) It-trattament intenzjonali tal-**Prodott** b’mod li jagħmel ħsara, dannuż, malizzjuż, traskurat jew offensiv li jirriżulta fil-ħsara u/jew il-falliment tiegħu.

(b) Ħsara jew funzjonament ħażin tal-**Prodott Tiegħek** ikkawżati minn jew attribwiti għal kontenut diġitali, software (kemm jekk installat minn qabel kif ukoll jekk le), inkluż mingħajr limitazzjoni tal-operat ta’ software ta’ virus, in-nuqqas ta’ disponibbiltà ta’ aġġornamenti tas-software, jew kwalunkwe ħsara oħra bbażata fuq is-software/diġitali.

(c) Telf, serq, jew ħsara malizzjuża jew għajbien.

(d) In-nuqqas li jitwettqu l-manutenzjoni, it-tħaddim jew il-ħżin tal-**Prodott** rakkomandati mill-**Manifattur** f’kundizzjonijiet barra mill-ispeċifikazzjonijiet jew l-istruzzjonijiet tal-**Manifattur**.

(e) Deterjorament normali bl-użu, jew deterjorament gradwali tal-prestazzjoni tal-**Prodott**.

(f) **Prodott(i)** li jkollhom in-numri tas-serje mneħħija jew mibdula.

(g) Ħsara kkawżata lill-**Prodott Tiegħek** meta titneħħa l-SSD.

(h) Il-modifiki, l-aġġustamenti, l-alterazzjonijiet, il-manipulazzjoni jew it-tiswijiet magħmula minn kwalunkwe persuna għajr tekniku tas-servizz awtorizzat minn **Microsoft**.

(i) In-nuqqas li torbot il-**Prodott** jew tippakkjah b’mod korrett matul it-trasport, li jwassal għal ħsara lill-**Prodott** waqt li jkun fi tranżitu.

(j) Il-ħsara kożmetika lill-**Prodott Tiegħek**, inkluż l-isfigurament, il-grif u d-daqqiet, ħlief jekk tali ħsara kożmetika tirriżulta f’telf ta’ funzjonalità.

(k) Il-ħsara minn iffriżar, tisħin żejjed, sadid, korrużjoni, tagħwiġ jew liwi. Kwalunkwe **Telf Indirett** li jinkludi, pereżempju: (i) ħsara lill-proprjetà, ħin mitluf, data mitlufa jew introjtu mitluf li jirriżultaw minn avveniment ta’ **Ħsara Aċċidentali** definit, kwalunkwe ħsara mekkanika/elettrika mhux definita, servizzi ta’ taħriġ ipprovduti separatament minn **Microsoft** jew l-affiljati tagħha, jew kwalunkwe tip ieħor ta’ ħsara tal-**Prodott** jew f’assoċjazzjoni miegħu; inkluż, pereżempju, kwalunkwe apparat mhux kopert użat f’assoċjazzjoni mal-**Prodott**; (ii) dewmien fl-għoti ta’ servizzi jew l-inkapaċità li jingħata s-servizz għal kwalunkwe raġuni; (iii) in-nuqqas ta’ disponibbiltà ta’ kwalunkwe parti/komponent; (iv) kwalunkwe spiża mġarrba **Minnek** assoċjata ma’ installazzjonijiet personalizzati biex jaqblu mal-**Prodott** bħal stands, montaturi, u kompartimenti personalizzati ta’ terzi u oġġetti simili; jew (v) **Sostitut** li huwa ta’ mudell, daqs, qisien jew kulur differenti mill-**Prodott** preċedenti.

(l) **Aħna** u **Microsoft** ma nassumu l-ebda responsabbiltà jew ħsara lill-proprjetà li tirriżulta mit-tħaddim, il-manutenzjoni jew l-użu tal-**Prodott** jew **Sostitut** ipprovdut skont id-dispożizzjonijiet ta’ din il-**Polza**.

(m) Avvenimenti li jiġru b’kumbinazzjoni, inklużi, pereżempju: irvell, radjazzjoni nukleari, gwerra/azzjoni ostili jew kontaminazzjoni radjuattiva, kundizzjonijiet ambjentali, esponiment għal kundizzjonijiet tat-temp jew perikli tan-natura, kollass, splużjoni jew kolliżjoni ta’ jew ma’ oġġett ieħor, nar, kwalunkwe tip ta’ preċipitazzjoni jew umdità, sajjetti, ħmieġ/ramel, duħħan, radjazzjoni nukleari, kontaminazzjoni radjuattiva, att governattiv, jew ħsara fl-internet jew f’telekomunikazzjoni oħra.

(n) **Prodott(i)** li huwa/huma soġġett/i għal sejħa lura, garanzija jew li jiġi/u maħdum/a mill-ġdid mill-**Manifattur** għat-tiswija ta’ nuqqasijiet fid-disinn jew komponenti, kostruzzjoni mhux xierqa, żball tal-**Manifattur**; irrispettivament mill-kapaċità tal-**Manifattur** li jħallas għal tali tiswijiet.

(o) Manutenzjoni perjodika jew preventiva normali, aġġustament, modifika, jew servisjar.

(p) L-ispiża tal-partijiet komponenti mhux koperti mill-garanzija oriġinali tal-**Manifattur** tal-**Prodott**, jew kwalunkwe parti li ma taħdimx/li ma taħdimx bl-elettriku, inklużi, pereżempju: partijiet tal-plastik jew partijiet oħra bħal kejbils aċċessorji, batteriji (ħlief kif jista’ jiġi ddikjarat mod ieħor f’din il-**Polza**), konnetturi, wajers, fjusis, keypads, bodis jew forom tal-plastik, swiċċijiet u wajers.

(q) **Kundizzjonijiet li Kienu Hemm Minn Qabel** imġarrba **Minnek** jew li kienu magħrufa **Għalik**.

(r) Kwalunkwe **Pretensjoni** fejn ma ġietx ipprovduta **Prova tax-Xiri** ħlief fejn **Aħna** u **Microsoft** naqblu li nittrasferixxu l-benefiċċju tal-**Polza**.

(s) Kwalunkwe **Pretensjoni** għar-restawr ta' software jew data, jew għall-irkupru ta' data mill-**Prodott Tiegħek**.

(t) Kwalunkwe telf, ħsara, responsabbiltà, jew spiża direttament jew indirettament ikkawżati minn jew li jikkontribwixxu għal, jew jirriżultaw minn, l-użu jew it-tħaddim, bħala mezz biex tiġi kkawżata ħsara, ta' kwalunkwe kompjuter, sistema tal-kompjuter, programm tal-kompjuter, kodiċi malizzjuż, virus jew proċess tal-kompjuter jew kwalunkwe sistema elettronika oħra.

(u) Kwalunkwe **Pretensjoni** jew benefiċċju taħt din il-**Polza** sal-estent li l-provvista ta' tali kopertura, il-ħlas ta' tali **Pretensjoni** jew dispożizzjonijiet ta' tali benefiċċju jkunu jesponu **Lilna** għal kwalunkwe sanzjoni, projbizzjoni jew restrizzjoni skont ir-riżoluzzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti jew is-sanzjonijiet kummerċjali jew ekonomiċi, il-liġijiet jew ir-regolamenti tar-Renju Unit, tal-Istati Uniti tal-Amerika jew tal-Unjoni Ewropea.

## PRETENSJONIJIET

**Importanti: is-sottomissjoni ta' Pretensjoni ma tfissirx awtomatikament li l-Ħsara Aċċidentali għall-Prodott Tiegħek hija koperta taħt il-Polza Tiegħek. Sabiex Pretensjoni tiġi kkunsidrata, Inti l-ewwel trid tikkuntattja lil Microsoft għal dijanjożi inizjali tal-problema bil-Prodott Tiegħek. M'hemm l-ebda kopertura taħt din il-Polza għal kwalunkwe ħsara kkawżata lil dan il-Prodott jekk Inti tagħmel tiswija mhux awtorizzata.**

Jekk jogħġbok ikkonforma mal-proċeduri li ġejjin biex tikseb awtorizzazzjoni u servizz kemm jista' jkun raġonevolment malajr u fi kwalunkwe każ, fi żmien erbatax-il (14) jum tax-xogħol minn meta jseħħ l-inċident tal-**Pretensjoni**. In-nuqqas ta' osservazzjoni ta' dawn il-proċeduri jista' jinvalida l-**Pretensjoni Tiegħek.**

Ara li jkollok il-**Prova tax-Xiri Tiegħek** disponibbli fil-pront u ċempel lil **Microsoft** fuq in-numru li jinstab fuq http://support.microsoft.com/gp/customer-service-phone-numbers jew żur https://support.microsoft.com għal appoġġ online tal-web. Ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom malajr jieħdu d-dettalji dwar il-kwistjoni li **Inti** qed tesperjenza bil-**Prodott** u l-ewwel jippruvaw isolvu s-sitwazzjoni fuq it-telefown u/jew mill-bogħod. Jekk ma jirnexxilhomx isolvu l-kwistjoni fuq it-telefown u/jew mill-bogħod, **Inti** tingħata numru biex titlob servizz ta' **Pretensjoni** u struzzjonijiet ulterjuri dwar kif tikseb is-servizz għall-**Prodott Tiegħek**.

Jekk jogħġbok tiħux jew tirritornax il-**Prodott Tiegħek** għand il-**Bejjiegħ bl-Imnut** u tibgħatx il-**Prodott Tiegħek** xi mkien ieħor sakemm **Microsoft** ma tagħtix struzzjonijiet **Lilek** biex tagħmel dan. Jekk **Inti** tingħata struzzjonijiet minnhom biex tieħu l-**Prodott** għand ċentru tas-servisjar awtorizzat qrib **Tiegħek** jew għand **Bejjiegħ bl-Imnut**, jew jekk tingħata struzzjonijiet biex tibgħat il-**Prodott** bil-posta lejn xi mkien ieħor (bħal ċentru ta' depożitu awtorizzat), jekk jogħġbok ara li tinkludi dan kollu li ġej:

(1) Il-**Prodott** difettuż;
(2) Kopja tal-**Prova tax-Xiri Tiegħek**;
(3) Deskrizzjoni qasira bil-miktub tal-problema li **Inti** qed tesperjenza bil-**Prodott;** u
(4) Jekk jogħġbok inkludi n-numru biex titlob servizz ta' **Pretensjoni** li **Microsoft** tat **Lilek.**

NOTA: Jekk **Microsoft** tirrikjedi li **Inti** tibgħat il-**Prodott** bil-posta lejn xi mkien ieħor, tagħti struzzjonijiet speċifiċi **Lilek** dwar kif għandek tibgħat il-**Prodott**. Għas-servizz tal-bgħit bil-posta, tħallas għall-kunsinna lejn u mill-post **Tiegħek** jekk **Inti** ssegwi l-istruzzjonijiet kollha. **Inti** mħeġġeġ toqgħod attent meta tittrasporta u/jew tikkunsinna l-**Prodott**, peress li **Microsoft** mhija responsabbli għall-ebda ħlas tal-merkanzija jew ħsara minħabba imballaġġ mhux xieraq **Minnek** jew mir-rappreżentant awtorizzat **Tiegħek**.
Il-kopertura hija pprovduta biss għal servizzi eliġibbli li jitwettqu minn ċentru tas-servisjar, **Bejjiegħ bl-Imnut,** jew ċentru ta' depożitu li ġie awtorizzat **Minna** u minn **Microsoft**. Jekk it-**Terminu Tiegħek** jiskadi matul iż-żmien ta' **Pretensjoni** approvata, il-**Pretensjoni** tiġi ttrattata skont it-termini u l-kundizzjonijiet ta' din il-**Polza**.

FRODI
1) Jekk **Inti** tagħmel **Pretensjoni** frodulenti taħt din il-**Polza**, **Aħna**:
a) m'aħniex responsabbli li nħallsu l-**Pretensjoni;**
b) nistgħu nirkupraw **Minnek** kwalunkwe somma mħallsa **Minna Lilek** fir-rigward tal-**Pretensjoni**; u
c) b'notifika **Lilek** nistgħu nittrattaw il-**Polza** bħala li ġiet itterminata b'effett mill-mument tal-att frodulenti.

2) Jekk **Aħna** neżerċitaw id-dritt **Tagħna** taħt (1)(c) hawn fuq:
a) **Aħna** ma nkunux responsabbli **Lilek** fir-rigward ta' avveniment relevanti li jseħħ wara l-mument tal-att frodulenti. Avveniment relevanti huwa kwalunkwe avveniment li jagħti lok għar-responsabbiltà **Tagħna** skont il-**Polza** (bħall-okkorrenza ta' telf, is-sottomissjoni ta' **Pretensjoni**, jew in-notifika ta' **Pretensjoni** potenzjali);
b) **Aħna** m'għandniex għalfejn nirritornaw l-ebda primjum imħallas.

## TIĠDID

Din il-**Polza** ma tiġġeddidx u se tiskadi fi tmiem it-**Terminu Tiegħek.**

## TRASFERABBILTÀ

Il-kopertura taħt din il-**Polza** ma tistax tiġi ttrasferita **Minnek** lil xi parti jew **Prodott** differenti.

## KANĊELLAZZJONI

ID-DRITT TIEGĦEK LI TIKKANĊELLA

**Inti** tista' tikkanċella din il-**Polza** fi kwalunkwe ħin billi tinforma lil **Microsoft** bit-talba ta' kanċellazzjoni fid-dettalji ta' hawn taħt.

**Inti** tista' tikteb lill-**Amministratur** fuq: Insurance Policy Cancellations, Microsoft Ireland Operations Limited, One Microsoft Place, South County Business Park, Leopardstown, Dublin 18, D18 P521, L-Irlanda, iċċempel lil **Microsoft** fuq in-numru tat-telefown li jinstab fuq: http://support.microsoft.com/gp/customer-service-phone-numbers jew tibgħat email lil msespbus@microsoft.com.

ŻMIEN BIEX WIEĦED JERĠA' JAĦSIBHA
Jekk it-talba ta' kanċellazzjoni **Tiegħek** issir fi żmien ħamsa u erbgħin (45) jum mid-data tax-xiri tal-**Polza**, **Inti** tirċievi rifużjoni ta' mija fil-mija (100%) tal-prezz tax-xiri tal-**Polza** mħallas **Minnek**, sakemm ma tkun saret l-ebda **Pretensjoni**.

WARA Ż-ŻMIEN BIEX WIEĦED JERĠA' JAĦSIBHA
Jekk it-talba ta' kanċellazzjoni **Tiegħek** issir wara ħamsa u erbgħin (45) jum mid-data tax-xiri tal-**Polza**, sakemm il-**Limitu tar-Responsabbiltà** ma jkunx intlaħaq, **Inti** tirċievi rifużjoni pro rata tal-prezz tax-xiri tal-**Polza** mħallas, sakemm ma tkun saret l-ebda **Pretensjoni**.

ID-DRITT TAGĦNA LI NIKKANĊELLAW
Jekk **Aħna** nikkanċellaw din il-**Polza**, **Microsoft** (bħala l-Amministratur) se tipprovdi avviż bil-miktub **Lilek** mill-inqas tletin (*30*) jum qabel id-data effettiva tal-kanċellazzjoni. Tali avviż jintbagħat fl-indirizz **Tiegħek** fil-fajl **Tagħna** (email jew indirizz fiżiku kif applikabbli), bir-raġuni għal u d-data effettiva ta' tali kanċellazzjoni. Jekk **Aħna** nikkanċellaw din il-**Polza**, **Inti** tirċievi rifużjoni prorata bbażata fuq l-istess kriterji kif deskritti hawn fuq u ma tapplika l-ebda tariffa ta' kanċellazzjoni.

**Aħna** nistgħu nikkanċellaw din il-**Polza** għar-raġunijiet li ġejjin:

(a) nuqqas ta' ħlas tal-prezz/tariffa tax-xiri tal-**Polza Minnek**,
(b) rappreżentazzjoni ħażina intenzjonata **Minnek**, jew
(c) ksur sostanzjali tad-dmirijiet skont din il-**Polza Minnek** fir-rigward tal-**Prodott** jew l-użu tiegħu.

## PROĊEDURA TAL-ILMENTI

Dejjem hija l-intenzjoni li **Inti** tiġi pprovdut servizz tal-aqwa kwalità. Madankollu, jekk **M'intix** kuntent bis-servizz jekk jogħġbok **Avżana** permezz ta' **Microsoft** fuq in-numru tat-telefown li jinsab fuq http://support.microsoft.com/gp/customer-service-phone-numbers jew permezz ta' email: msespbus@microsoft.com .

**Microsoft** se twieġeb fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi l-ilment **Tiegħek**. Jekk ma jkunx possibbli li **Tagħtik** tweġiba sħiħa f'dan iż-żmien (pereżempju, minħabba li hija meħtieġa investigazzjoni dettaljata), **Microsoft Tagħtik** tweġiba interim li **Tgħidlek** x'qed isir biex jiġi ttrattat l-ilment tiegħek meta **Tista'** tistenna li tirċievi tweġiba sħiħa u mingħand min sa mhux aktar tard minn għoxrin (20) jum tax-xogħol. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet l-ilment **Tiegħek** jiġi solvut fi żmien erbgħin (40) jum tax-xogħol. Jekk jieħu aktar minn erbgħin (40) jum tax-xogħol, **Microsoft** tispjega l-pożizzjoni attwali u **Tavżak** meta **Tista'** tistenna tweġiba.

Jekk wara tmien (8) ġimgħat **Inti** ma tkunx irċevejt tweġiba **JEW** wara ħamest (5) ijiem tax-xogħol wara t-tlestija tal-investigazzjoni **M'intix** sodisfatt bit-tweġiba li **Rċevejt**, **Jista'** jkollok id-dritt li tikkuntattja lill-Ombudsman tas-Servizzi Finanzjarji li jista' jirrevedi l-ilmenti minn "ilmentaturi eliġibbli" li jinkludu individwi privati u negozjanti uniċi u sħubijiet żgħar b'fatturat annwali ta' inqas minn €3 miljun.

Aktar informazzjoni tista' tinstab fuq: https://www.fspo.ie/
Financial Services and Pensions Ombudsman, 3rd Floor, Lincoln House, Lincoln Place, Dublin 2, D02 VH29
Telefown: 1890 88 20 90 jew minn barra +353 1 567 7000
Email: info@fspo.ie

**Inti** tista' wkoll tikkuntattja lill-Uffiċjal tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fl-indirizz:
L-Ewwel Sular,
Pjazza San Kalċidonju,
Il-Furjana FRN 5130,
F'Malta
jew billi żżur www.financialarbiter.org.mt.
L-ilmenti mal-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji għandhom dejjem isiru bil-miktub.

Din il-proċedura tal-ilmenti ma taffettwax id-drittijiet legali **Tiegħek**.

## PRIVATEZZA U PROTEZZJONI TAD-DATA

**Protezzjoni tad-Data**

**Aħna** u **Microsoft** (bħala l-**Amministratur**) impenjati li nipproteġu u nirrispettaw il-privatezza **Tiegħek** skont il-Leġiżlazzjoni attwali dwar il-Protezzjoni tad-Data (il-"Leġiżlazzjoni"). Għall-finijiet tal-Leġiżlazzjoni, il-Kontrolluri tad-Data huma **Microsoft** u **Aħna**. Għal informazzjoni dwar kif **Microsoft** tipproċessa d-data personali **Tiegħek** jekk jogħġbok żur https://privacy.microsoft.com Hawn taħt hawn sommarju tal-modi ewlenin li bihom **Aħna** nipproċessaw id-data personali **Tiegħek**, għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok żur is-sit web **Tagħna** fuq https://www.amtrustinternational.com/about-us/underwriting/.

**Kif Nużaw id-Data Personali Tiegħek u ma' min Naqsmuha**

**Aħna** se nipproċessaw id-data personali, li tinkludi kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli, li **Aħna** nżommu **Dwarek** bil-modi li ġejjin:

- Għall-finijiet tal-għoti ta' assigurazzjoni, l-immaniġġjar ta' **Pretensjonijiet** u kwalunkwe għan relatat ieħor. Dan jista' jinkludi deċiżjonijiet ta' sottoskrizzjoni magħmula permezz ta' mezzi awtomatizzati, għat-twettiq tal-kuntratt tal-assigurazzjoni **Bejnek** u **Bejnna**.
- Għall-finijiet tal-offerta ta' tiġdid, ta' riċerka jew ta' statistika, għall-interessi leġittimi **Tagħna**: sabiex **Aħna** nanalizzaw l-attività storika, intejbu l-algoritmi ta' klassifikazzjoni, u biex ngħinu nipprevedu l-impatt kummerċjali futur, immexxu 'l quddiem l-interessi kummerċjali, intejbu l-offerta ta' prodotti u niżviluppaw sistemi u proċessi ġodda u għall-obbligi legali bbażati fuq ġurisdizzjoni barra mill-UE.
- Biex nipprovdu **Lilek** informazzjoni, prodotti jew servizzi li **Inti** titlob **Minna** jew li **Aħna** nħossu li jistgħu jinteressaw **Lilek**, fejn **Inti** tkun tajt il-kunsens tiegħek li tiġi kkuntattjat għal dawn l-għanijiet.
- Biex ninnotifikaw **Lilek** dwar bidliet fis-servizz **Tagħna**, għall-obbligi legali u regolatorji **Tagħna**.
- Biex nissalvagwardjaw kontra l-frodi, il-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u biex jiġu ssodisfati obbligi legali jew regolatorji ġenerali, dan huwa meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-obbligi legali u regolatorji **Tagħna** bbażati fuq ġurisdizzjoni fl-UE.

**Data Personali Sensittiva**

Xi ftit mill-informazzjoni personali, bħall-informazzjoni relatata mas-saħħa jew il-kundanni kriminali, tista' tkun meħtieġa **Minna** għall-finijiet speċifiċi ta' sottoskrizzjoni jew bħala parti mill-proċess ta' ġestjoni tal-pretensjonijiet. Il-forniment ta' tali data huwa kundizzjonali biex **Aħna** nkunu nistgħu nipprovdu assigurazzjoni jew niġġestixxu pretensjoni. Tali data se tintuża biss għall-għanijiet speċifiċi stabbiliti fl-avviż **Tagħna**.

**Żvelar tad-Data Personali Tiegħek**

**Aħna** nistgħu niżvelaw id-data personali **Tiegħek** lil terzi involuti fil-provvista ta' prodotti jew servizzi **Lilna**, jew lil fornituri ta' servizzi li jwettqu servizzi f'**Isimna**. Dawn jinkludu **Microsoft**, kumpaniji tal-grupp, sħab ta' affinità, sensara, aġenti, amministraturi terzi, riassiguraturi, intermedjarji oħra tal-assigurazzjoni, uffiċċji ta' referenza tal-assigurazzjoni, aġenziji tal-kreditu, aġenziji ta' detezzjoni tal-frodi, aġġustaturi tat-telf, solicitors/barristers, kontabilisti, awtoritajiet regolatorji, u kif jista' jkun meħtieġ mil-liġi.

**Trasferimenti Internazzjonali ta' Data**

**Aħna** nistgħu nittrasferixxu d-data personali **Tiegħek** lejn destinazzjonijiet barra miż-Żona Ekonomika Ewropea ("ŻEE"). Meta **Aħna** nittrasferixxu d-data personali **Tiegħek** barra miż-ŻEE, **Aħna** niżguraw li din tiġi ttrattata b'mod sigur, u f'konformità ma' dan l-avviż dwar il-privatezza u l-Leġiżlazzjoni. **Aħna** nittrasferixxu d-data biss lejn pajjiżi meqjusa li għandhom protezzjoni adegwata mill-Kummissjoni Ewropea jew, fejn ma jkun hemm l-ebda deċiżjoni dwar l-adegwatezza, **Aħna** nużaw il-"Klawżoli Kuntrattwali Standard" approvati mill-Kummissjoni Ewropea ma' tali partijiet biex nipproteġu d-data.

**Id-Drittijiet Tiegħek**

**Inti** għandek id-dritt li:

a) Toġġezzjona għall-ipproċessar tad-data personali **Tiegħek** għal finijiet ta' promozzjoni diretta fi kwalunkwe mument;
b) Toġġezzjona għall-ipproċessar tad-data personali **Tiegħek** meta l-ipproċessar ikun ibbażat fuq l-interessi leġittimi **Tagħna**;
c) Taċċessa u tikseb kopja tad-data personali fil-kontroll **Tagħna** u l-informazzjoni dwar kif u fuq liema bażi din id-data personali tiġi pproċessata;
d) Titlob it-tħassir tad-data personali **Tiegħek**;
e) Titlob li tiġi aġġornata jew ikkoreġuta kwalunkwe data inadegwata, mhux kompluta, jew mhux preċiża.
f) Tillimita l-ipproċessar tad-data **Tiegħek**.
g) Titlob **Lilna** nipprovdu d-data personali **Tiegħek** **Lilek** f'format strutturat, użat b'mod komuni, li jista' jinqara minn kompjuter, jew **Inti** tista' titlob li din tiġi "ttrasferita" direttament lil kontrollur tad-data ieħor, iżda f'kull każ biss fejn l-ipproċessar ikun ibbażat fuq il-kunsens **Tiegħek** jew fuq it-twettiq ta' kuntratt **Miegħek** u l-ipproċessar jitwettaq b'mezzi awtomatizzati;
h) Tressaq ilment mal-awtorità tal-protezzjoni tad-data lokali;
i) Tirtira l-kunsens **Tiegħek** fi kwalunkwe ħin meta l-ipproċessar ikun ibbażat fuq il-kunsens **Tiegħek**, mingħajr ma tiġi affettwata l-legalità tal-ipproċessar ibbażat fuq il-kunsens qabel l-irtirar tiegħu.

**Iż-Żamma**
Id-data **Tiegħek** mhux se tinżamm għal aktar żmien milli jkun meħtieġ u se tiġi mmaniġġjata skont il-Polza dwar iż-żamma tad-data **Tagħna**. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-perjodu ta' żamma jkun għal perjodu ta' għaxar (10) snin wara l-iskadenza tal-kuntratt tal-assigurazzjoni, jew tar-relazzjoni kummerċjali **Tagħna Miegħek**, sakemm **Aħna** ma nkunux meħtieġa nżommu d-data għal perjodu itwal minħabba rekwiżiti tan-negozju, legali jew regolatorji.
Jekk **Għandek** xi mistoqsijiet dwar l-użu **Tagħna** tad-data personali **Tiegħek**, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data, AmTrust International - jekk jogħġbok ara s-sit web għad-dettalji tal-indirizz sħiħ (https://www.amtrustinternational.com/about-us/underwriting/) jew inkella ibgħat email lill-uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data fuq dpo.dublin@amtrustgroup.com.

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

LIĠI

Il-Partijiet għal din il-**Polza** huma liberi li jagħżlu l-liġi applikabbli għal din il-**Polza**. Sakemm ma jkunx hemm qbil speċifiku għall-kuntrarju, din il-**Polza** għandha tkun soġġetta għal-liġijiet ta' Malta.

SOTTOKUNTRATT

**Aħna** u **Microsoft** nistgħu nissottokuntrattaw jew nassenjaw it-twettiq tal-obbligi **Tagħna** lil partijiet terzi, iżda **Aħna** mhux se ninħelsu mill-obbligi **Tagħna Lejk** meta nagħmlu dan.

SEVERABBILTÀ
Jekk kwalunkwe parti minn dan il-kuntratt tiġi ddikjarata li mhix infurzabbli jew li hija invalida, il-bqija tiegħu jibqa' validu u infurzabbli.

AVVIŻI
**Aħna** u/jew l-**Amministratur** se nikkuntattjaw **Lilek** għall-finijiet tal-ġestjoni tal-**Polza Tiegħek**, fuq kwalunkwe numru tat-telefown, jew indirizz fiżiku jew elettroniku li **Inti** tipprovdi **Lilna**. L-avviżi jew it-talbiet kollha relatati ma' din il-**Polza** se jsiru bil-miktub u jistgħu jintbagħtu bi kwalunkwe mezz raġonevoli, inkluż bil-posta, b'email, bil-faks, b'messaġġ bil-miktub jew b'kurrier kummerċjali ta' matul il-lejl rikonoxxut.

FTEHIM SĦIĦ

Din il-**Polza**: inklużi d-**Dettalji tal-Polza**, it-termini, il-kundizzjonijiet, il-limitazzjonijiet, l-eċċezzjonijiet u l-esklużjonijiet, u l-**Prova tax-Xiri Tiegħek**, jikkostitwixxu l-ftehim sħiħ **Bejnna** u **Bejnek** u l-ebda rappreżentazzjoni, wegħda jew kundizzjoni li ma tinsabx f'din il-**Polza** m'għandha timmodifika dawn l-affarijiet, ħlief kif meħtieġ mil-liġi.

Microsoft, Surface, u Xbox huma trademarks tal-grupp ta' kumpaniji ta' **Microsoft**.